



L-Aħjar Prattiki fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

Kategorija tal-prattika: Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ (TNA)

Tip tal-prattika: Prattika Promettenti
Kroazja

Pajjiż: Il-

Titlu tal-prattika	Valutazzjoni tal-Bżonnijiet ta' Taħriġ Reġjonali
<i>Karatteristiċi prinċipali:</i>	<p>MInħabba l-kuntest ġeografiku speċifiku tal-pajjiż, l-Akkademja Ġudizzjarja fil-Kroazja ħolqot ħames ċentri ta' taħriġ reġjonali li jiffavurixxu, f'ċerti sitwazzjonijiet, approċċ ta' taħriġ deċentralizzat. Peress li hemm differenzi fil-bżonnijiet ta' taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi minn reġjuni differenti (eż. il-Liġi Marittima, li hija speċifika għar-reġjuni b'kosta), l-Akkademja Ġudizzjarja introduċiet mekkaniżmu ta' valutazzjoni tal-bżonnijiet ta' taħriġ maħsub biex jipprovdi soluzzjoni għal dik il-problema, filwaqt li l-approċċ ta' taħriġ deċentralizzat jiġi bbilanċjat ma' ċentralizzazzjoni koerenti fil-livell nazzjonali tal-ippjanar għal taħriġ bħal dan.</p> <p>Kwestjonarji dwar il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet jintbagħtu kull sena lill-partijiet interessati (il-Ministru tal-Ġustizzja, l-universitajiet u l-membri tal-Kunsill tal-Programm) kif ukoll lill-koordinaturi ta' ċentri ta' taħriġ reġjonali (normalment imħallef u/jew prosekutur).</p> <p>It-tweġibiet fil-qosor għal dawn il-kwestjonarji jintbagħtu lill-Kunsill tal-Programm tal-Akkademja bis-saħħa li jiddeċiedi dwar is-suġġetti li jridu jkunu inklużi fil-programm għas-sena ta' wara.</p>
<i>Detalji kuntatt Istituzzjoni</i>	<p>ta' tal- Judicial Academy of Croatia Ulica grada Vukovara 49 10000 Zagreb Croatia Telefown: + 385 1 371 4540</p>

Faks: + 385 1 371 4549

E-mail: pravosudna.akademija@pravosudje.hr

Sit elettroniku: <http://www.pak.hr>

*Kummenti
oħrajn*

Għalkem kull istituzzjoni ta' taħriġ għall-ġudikatura fl-UE implimentat is-sistema tagħha biex taċċessa l-bżonnijiet ta' taħriġ, inġabru xi ideat partikolarment interessanti waqt li kien qed isir dan l-istudju. Minħabba l-ispeċjalitajiet ta' kull sistema nazzjonali t-trasferiment sħiħ ta' din il-prattika x'aktarx li ma tkunx possibbli.

Din il-**PRATTIKA PROMETTENTI** ġiet adottata sentejn ilu u tippermetti reazzjoni ċentralizzata għal diversità reġjonali akuta.

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "*Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prattiki fit-taħriġ ta' mħallfin u prosekturi*", imwettaq min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)